# H U W A

———oo———

## LEGGENDA DRAMMATIKA

TA'

GINO MUSCAT-AZZOPARDI

---

Ħadd ma jista' jaħdem fuq il-palk, jew ixandar minn fuq ir-Rediffusion, jew juża xort'oħra din il-biċċa teatrali mingħajr is-sensja tal-kittieb.

---

Stampat fid-Dar ta' San Ġużepp—Ħamrun

## JIEĦDU SEHEM:

IL-FIZZJAL — (50)

MARIA HOFFMANN — (65)

MARIE MONNIER — (30)

MARY SMITH — (15)

HUWA — (35)

F'kull Żmien.
F'Raħal fl-Ewropa.

# HUWA

## LEĠĠENDA DRAMMATIKA

TA'

GINO MUSCAT-AZZOPARDI

---

## IX-XENA:

*Ix-xena tirrappreżenta Uffiċċju Militari f'raħal x'im-kien fl-Ewropa: għalhekk ma jidhrux fiha l-bandieri, ir-ritratti u l-*posters *li naraw is-soltu, iżda, flok ix-xenarju, ikun hemm purtieri suwed mat-tliet naħiet tal-palkuxeniku b'dawk tan-nofs jinfetħu sabiex ikunu jistgħu jidħlu jew joħorġu l-persunaġġi.*

*Lejn ix-xellug mejda ta' daqs nofsani b'tapit tal-pannu lewn id-demm tal-baqra fuqha; karti u formoli mxerrdin 'l hinn u 'l hawn fuq il-mejda. In-naħa tal-lemin hemm bank bla dahar u bis-saqajn tal-ħadid. Mal-ħajt tax-xellug mejda ċkejkna b'Kurċifiss x'aktarx imdaqqas fuqha u quddiemu vażett li għad li jleqq bħal fidda mhux tal-fidda, bi ftit fjuri niexfa ġewwa fih.*

*Bħal f'kull* leġġenda, *l-azzjoni drammatika trid tkun akkumpanjata b'mużika lenta ta' mhux inqas minn vjolin u pjanu.*

— S I P A R J U —

*Malli jinfetaħ is-siparju l-FIZZJAL, liebes uniformi militari li ma tistax tgħid ta' liema nazzjon hija, ikun jikteb u jqalleb il-karti fuq il-mejda. Huwa mdaħħal fiż-żmien u għaldaqshekk huwa x'aktarx xebgħan mix-xogħol tiegħu u donnu qiegħed jagħmel kollox bil-fors; leħnu iżda għadu sod u ċar ħafna u għad li n-nies idejquh u jfittex li jeħles minn-hom malajr, fl-għemil tiegħu wieħed jara dik il-ħlewwa kol-lha li żżejjen lil bniedem li jaf jagħder u li jixtieq ikun ta'*

*ġid ma' dawk kollha li d-destin kiefer tal-gwerra ferihom f'qalbhom u fil-morali tagħhom.*

*(Tinstama' taħbita ċkejkna.)*

FIZZJAL : Idħol!

HOFFMANN : (*mara ta' madwar il-65 sena; liebsa libsa sewda li l-lum bdiet titlef il-lewn tagħha. Xagħarha aktar abjad milli iswed; b'xall qastni tas-suf fuq spallejha tidħol min-nofs u tibqa' mistħija ma tafx x'għandha tagħmel, fuq il-bieb.*)

FIZZJAL : Ersaq ...ersaq 'l hawn... X'għandek bżonn?

HOFFMANN : Sinjur... xtaqtek kieku tagħtini xi tagħrif.

FIZZJAL : Għidli... għidli...

HOFFMANN : Xi żmien ilu kienu bagħtuli din il-karta (*tagħtih karta li tkun f'idha*) ...ma nafx kontx bgħatthieli inti... imma qaluli li inti tista' tgħini...

FIZZJAL : (*wara li jkun qara l-karta*) Le... Din il-karta kienu bagħtuhielek minn xi Uffiċċju Militari ieħor mhux minn hawn... Inti Marija Hoffmann?

HOFFMANN : Iva, sinjur...

FIZZJAL : Ġermaniża?

HOFFMANN : Ġermaniża!

FIZZJAL : U f'hix taħseb li jiena nista' naqdik?

HOFFMANN : F'dik il-karta kienu qaluli li ibni Fritz kien jinsab nieqes, li wara ma nafx liema battalja ma jafux aktar x'sar minnu...

FIZZJAL : (*iħares lejn il-karta*) ...iżda dan ilu ħafna...

HOFFMANN : Naf... naf... qatt aktar ma smajt b'aħbaru. L-uniku tifel li kelli, żagħżugħ ibiegħ is-saħħa, il-ġmiel tiegħu (*tixxotta żewġ demgħat*).

FIZZJAL : Wisq nibża' li wara dan iż-żmien kollu...

HOFFMANN : Jiena wkoll ingħid bħalek... wara dan iż-żmien kollu... Kieku Fritz kien għadu ħaj ma kienx iħallini mingħajr aħbarijiet tiegħu; hu jaf kemm kont inħobbu. Lilu biss kelli fid-dinja... fl-aħjar ta' żgħożitu...

FIZZJAL : Hawn eluf u eluf ta' ommijiet bħalek li ssagrifikaw lil uliedhom għall-imħabba ta' pajjiżhom!

HOFFMANN : Veru, veru... u li bħali, ma nafux x'inħallsu, biex naraw lil uliedna ġejjin lura...

FIZZJAL : Mita kitiblek l-aħħar?

HOFFMANN : Ma niftakarx. L-ittri tiegħu, ir-ritratt, kulma kelli... kien intradamli, spiċċa fix-xejn, saru trab bħall-imsej-

ken Fritz tiegħi. Tlift kollox minbarra din il-karta li dejjem inżomm fuqi.

FIZZJAL : Biex tissokta ġġedded il-pwieni tiegħek...

HOFFMANN : Le, sinjur ...anki mingħajr din il-biċċa karta l-piena tiegħi ma tmut qatt. Din il-karta tagħtini xaqq ta' dawl... iġġigħalni nittama... nittama dejjem...

FIZZJAL : Jiena ma nixtieqx naqtagħlek qalbek, ma nixtieqx neqridlek din it-tama...

HOFFMANN :Hija biss qiegħda żżommni ħajja : it-tama. Lil ibni ma rawhx imut, ma jafux fiż-żgur li huwa mejjet... *nieqes*, ma deherx aktar. Sata' waqa' priġunier, setgħet ġratlu xi disgrazzja li ma tħalliehx jiġi għandi... u taf inti, sinjur? Sakemm ma tkunx taf li ibnek huwa mejjet, tibqa' tistennieh dejjem, tibqa' tittama li ġurnata għad jiġi lura.

FIZZJAL : U taħseb li jiena nista' ngħinek?

HOFFMANN : Il-bieraħ qaluli li dalgħodu għandu jasal hawn wieħed raġel li ilu ħafna jiġġerra ma' l-Ewropa... wieħed li kien priġunier u ħarab u baqa' jiġri waħdu minn raħal għal ieħor... minn belt għal oħra...

FIZZJAL : Iva. Irċevejt xi tagħrif fuq dan ir-raġel ftit granet ilu, iżda la għadni naf x'jismu, la x'kien, xejn... Għadni ma naf xejn preċiż fuqu.

HOFFMANN : (*bil-ħatfa*) Forsi ibni! Forsi Fritz tiegħi!

FIZZJAL : (*jarfa' spallejh*) J'Alla! Kollox jista' jkun fid-dinja... Imma ma naħsibx li...

HOFFMANN : (*bħal qabel*) Allura ma tħallinix narah? Ma tħallinix inkellmu?

FIZZJAL : Mela le! (*jagħtiha lura l-karta*) Poġġi fuq dak il-bank; mita jasal kellmu u arah kemm trid... poġġi, poġġi...

HOFFMANN : Grazzi! Grazzi, sinjur (*u kollha siekta, tintafa' fuq il-bank, toħroġ kuruna tar-Rużarju u tibqa', weħidha, titlob bil-kemm tinstama'*).

(*Wara ftit tinstama' taħbita oħra.*)

FIZZJAL : Min hemm? Idħol...

MONNIER : (*mara fuq it-30 sena; b'libsa griża sempliċi mill-aktar li turi l-faqar u l-ġabra tagħha*) Sinjur...

FIZZJAL : Għidli!

MONNIER : Sinjur, smajthom igħidu li dalgħodu għandu jasal raġel li ilu nieqes ħafna u li fl-aħħar irnexxielu jiġi lura f'dan ir-raħal; xtaqtek tgħidli jekk dan hux minnu...

FIZZJAL : Għadni kemm kont qiegħed nitkellem fuq dan ir-raġel ma' dik il-mara... (*juriha lil Hoffmann*).

MONNIER : (*wara li tkun tat daqqa ta' għajn lil Hoffmann : lill-Fizzjal*) Allura veru?

FIZZJAL : Veru li għandu jasal dan ir-raġel imma s'issa la għadni naf x'jismu, la naf min huwa u mnejn ġej... Għadni ma naf xejn fuqu. Inti x'jismek?

MONNIER : Marie Monnier, franċiża.

FIZZJAL : Franċiża?

MONNIER : Franċiża ! Jiena kont miżżewġa lill-Inġinier Jacques Monnier. Konna ninħabbu, konna ngħixu għal xulxin, sakemm ġie msejjaħ bil-leva sabiex imur jaqdi dmiru lejn pajjiżu. Tlaqna lil xulxin bid-dmugħ f'għajnejna u b'tama qawwija li nerġgħu naraw lil xulxin fi żmien qasir...

FIZZJAL : Kemm kontu ilkom miżżewġin?

MONNIER : Sena... sena biss ! L-isbaħ sena tal-ħajja tagħna !

FIZZJAL : U qatt ma kitiblek?

MONNIER : Iva; għall-bidu kien jiktibli spiss... Kien igħidli kulma jgħaddi minn għalih, kien jiktibli kollox, sa l-inqas ħaġa ċkejkna... Mita kont naqra l-ittri tiegħu kont inħossni tiegħu, kont inħossu madwari, ħdejja... kont qisni qiegħda ngħix miegħu. Darba waslitli ittra tiegħu fejn qalli : "...il-lejla waqt li inti tkun rieqda aħna nkunu fl-eħrex taqbida : Marie toħlomx!" Kienet l-aħħar ittra tiegħu.

FIZZJAL : Miet f'dik il-battalja?

MONNIER : Ma nafx ! Qatt aktar ma ġie lura...

FIZZJAL : U l-awtoritajiet qatt ma qalulek xejn fuqu?

MONNIER : Iva : qaluli li huwa nieqes, li ħadd ma jaf x'sar minnu. Qaluli, f'kelma waħda, biex nispera, u bqajt nistennieh, nistennieh dejjem... Imsejken Jacques tiegħi ma kellux ħliefi fid-dinja u jien ma kellix ħliefu...

FIZZJAL : Meta kitiblek l-aħħar? Xi kemm għadda żmien minn l-aħħar ittra tiegħu?

MONNIER : Ma niftakarx... ma nafx... fl-ittri ma kienx ikun hemm dati... Iżda ż-żmien x'igħodd? Għalija qisu l-bieraħ ! Igħidu li ż-żmien isabbar, inissi : mhux minnu ! Igħidu li ż-żmien itir, li ma jieqaf qatt : mhux veru !

FIZZJAL : U taħseb li dan ir-raġel li ġej dal-għodu...?

MONNIER : La Jacques mhux mejjet min jista' jgħid li m'huwiex huwa?

HOFFMANN : Ir-raġel tiegħek?

MONNIER : *(lil Hoffmann)* Int ukoll għandek lil xi ħadd mitluf?

HOFFMANN : Lil ibni... lil Fritz tiegħi... ejja, binti, ejja ħdejja nistennew flimkien... ejja...

MONNIER : *(tpoġġi ma' ġenb Hoffmann)* Qalli biex ma noħlomx. Kif nista'?

FIZZJAL : Hawn eluf u eluf ta' nisa bħalek li ssagrifikaw lil żwieġhom għall-imħabba ta' pajjiżhom : Russi, ingliżi, pollakki, taljani, belġjani...

HOFFMANN : Kollha ommijiet xorta waħda...

MONNIER : Kollha jistennew lil Jacques tagħhom jiġi lura...

FIZZJAL : *(jomgħod il-kelma)* Jiġi lura...

*(Wara sikta ċkejkna tinstama' taħbita oħra.)*

IN-NISA : *(f'daqqa)* Wasal?!

FIZZJAL : Idħol...

SMITH : *(Tfajla ta' xi 15-il sena; nadifa u fuq tagħha; liebsa ħafif iżda pulit ħafna)* Bonġornu...

FIZZJAL : X'għandek bżonn, ruħi...?

SMITH : Sinjur, inti, jekk jogħġbok, ikollok miktub l-ismijiet ta' dawk is-suldati li jkunu ntilfu fil-gwerra?

FIZZJAL : Jekk tgħidli fejn u mita, forsi nkun nista' naqdik...

SMITH : Missieri kien mar għall-gwerra u ma ġiex lura...

FIZZJAL : Inti x'jismek?

SMITH : Mary Smith.

FIZZJAL : Ingliża?

SMITH : Iva, ingliża.

FIZZJAL : X'kien jismu missierek? Qatt tawkom aħbarijiet tiegħu?

SMITH : Kien jismu John Smith. Kien inkiteb voluntier u qalulna li wara l-battalja ta' Franza ħadd aktar ma jaf x'sar minnu.

FIZZJAL : Ma qalulkomx hux mejjet jew ħaj? Hux priġunier? Xi ħaġa?

SMITH : Le... Li huwa mitluf... ma jafux żgur jekk huwiex mejjet; issa z-zija semgħet li għandu jasal suldat li jlu nieqes ħafna u bagħtitni nistaqsi x'jismu dan is-suldat biex inkun naf jekk hux missieri...

FIZZJAL : X'jismu u mnejn hu ġej, u jekk hux suldat jew fizzjal lanqas jien stess għadni ma naf...

SMITH : Imma veru li għandu jiġi hawn?

FIZZJAL : Veru... (*juriha lin-nisa*) ara dawk iż-żewġ nisa qegħdin jistennewh ukoll.

SMITH : (*tħares lejhom*) Missierkom mitluf ukoll?

HOFFMANN : Ibni Fritz, l-uniku tifel li kelli...

MONNIER : Żewġi, ir-raġel tiegħi...

SMITH : Nista' nistennieh jien ukoll?

FIZZJAL : Għaliex le, binti? Inti ma għandekx ħutek akbar minnek?

SMITH : Le... lanqas ommi ma għandi... kienet mietet mita kont għadni tarbija... lil missieri biss għandi mita jerġa' jiġi lura.

HOFFMANN : Ejja, ruħi... ejja ħdejja...

MONNIER : Stenna hawn magħna...

SMITH : (*tpoġġi fuq il-bank f'nofs in-nisa*).

FIZZJAL : Eluf ta' romol... eluf ta' ommijiet... eluf ta' ltiema... il-gwerra (*u mal-kelma gwerra jagħti daqqa ta' ponn ċkejkna fuq il-mejda*) Jacques... Fritz... John... il-gwerra! (*u mal-kelma gwerra jerġa' jagħti daqqa ta' ponn ċkejkna oħra fuq il-mejda; iżda din id-darba wara t-taħbita tiegħu tinstama' taħbita oħra qawwija minn barra.*)

HUWA : (*minn ġewwa*) Nista' nidħol?

FIZZJAL : (*jqum bil-wieqfa*) Huwa!

IT-TLIET NISA : (*jqumu f'daqqa*) Huwa?!?

FIZZJAL : Huwa! (*imur fil-fond fein jinfetħu l-purtieri, jiftaħ waħda minnhom biex jgħaddi HUWA u jwieġeb :*) Idħol! (*Il-Fizzjal joħroġ u ipso facto jidħol :*)

HUWA : (*Raġel ta' statura l-aktar sabiħa; għandu mal-35 sena, jew għiar dik l-età li jista' ikun it-tifel ta' HOFFMANN, ir-raġel ta' MONNIER u missier SMITH. F'rasu għandu steel-helmet li jużaw l-Ingliżi fil-waqt li l-uniformi tiegħu, ta' pannu ikħal-ħadrani skur, hi bħal dik li jużaw il-franċiżi u l-ġermaniżi; ma jistax għalhekk wieħed jagħid ta' liema nazzionalità huwa. Għandu l-leħja spuntata ħafna u wiċċu ta' sfura li tbażża', mhix sfura ta' bniedem iżda ta' katavru. Jitkellem ċar u sod ħafna iżda leħnu huwa x'aktarx misti-ku u misterjuż; iżomm rasu għolja u l-ħarsa tiegħu hija mit-lufa fix-xejn. Bla ma jiċċaqlaq, jibqa' wieqaf kważi f'nofs*

*ix-xena. HUWA jagħtik l-impressjoni ta' statwa ħajja, ta' bniedem li ġej minn dinja oħra.)*

IT-TLIET NISA: (*f'daqqa*) Ibni!... Żewġi!... Missieri!... (*u t-tlieta jiġru fuqu, igħannquh, jagħtuh bewsa*).

HUWA: (*biered*) Marija!

(*Kwadru ta' ftit sekondi.*)

HUWA: (*lit-tlieta u lil ebda waħda minnhom*) Kont qiegħda tistennieni?

IT-TLIET NISA: (*f'daqqa*) Iva...

HOFFMANN: Kont inħoss li inti għad trid tarġa' tiġi lura...

HUWA: U ġejt lura!

MONNIER: Kont naf li inti ma tistax tkun mejjet...

HUWA: Jiena ma mmut qatt! Lili ma jistgħux joqtluni! Nista' għal ftit ma nidherx aktar fostkom, nista' nintesa għal ftit żmien... imma mmut qatt; fix-xejn, għal dejjem, ma nistax nispiċċa...

MONNIER: Għaliex ħallejtni waħdi?

SMITH: Għaliex ma ġejtx hawn qabel?

HOFFMANN: Għax domt daqshekk imbiegħed minni?

HUWA: (Nota: *Billi l-kliem ta' HUWA, hu proża poetika u dan biex iżid il-mistiċiżmu, l-attur huwa mitlub ma jibdel ebda sillaba.*) Jien ma kont qatt imbiegħed; kont dejjem ħdejk... kont dejjem hawn ma' dwarek... waħdek qatt ma ħallejtek. Kont fil-ħsieb tiegħek dejjem, il-ħin kollu u naf li int kont tħossni, hemm, ma' ġenbek, inħares lejk, tistenna l-bewsa tiegħi... U xħin kont torqod bija quddiem wiċċek, ħaj fil-ħsieb tiegħek u fil-ħolm li toħlom xħin kont tintilef fin-nifs ħafif tiegħek u fl-isperanza... jiena kont inkun insabbar lil dawk li huma bħalek.

MONNIER: Dan il-kliem tiegħek...

SMITH: ...jien ma nistax nifhmu!

HUWA: La tfittex qatt li tifhmu! Biex tifhmu trid tkun bħali! Trid tkun għext f'din id-dinja ta' tbatija, dmugħ u mibegħda, imbagħad, bla ma tistenna, issib ruħek fi dlam li jwaħħax, waħdek... u tibda tilmaħ raġġi ta' xemx ġdida... u jibda jisbaħ, sakemm dawl li ma jistax jitfisser, jgħammixlek ħbub għajnejk... tħares ma' dwarek u tibda tara d-dmugħ jitbiddel f'hena li qatt ma ħassejt qabel u lanqas ma tkun ħsibt li tista' qatt teżisti... tara l-mibegħda tal-bnedmin tit-

biddel f'imħabba mqaddsa u tħoss li inti m'għadekx dak li kont qabel, li inti ħlist minn xi ħaġa li kienet qiegħda ttaqqlek... li int sirt eħfef minn l-istess ħsieb tiegħek... La tfittex qatt li tifhem! Inti ma tasal qatt sabiex tħoss bħali qabel ma ż-żmien ibiddlek u ssir bħali...

HOFFMANN : Mela x'ħassejt kemm ilek 'il bogħod minni?

HUWA : Kif nista' ngħid x'ħassejt? U għalfejn ingħidu? Min sejjer jifhem dak il ħassejt jiena?

MONNIER : U fejn kont f'dan iż-żmien kollu?

HUWA : Kont kullimkien u mkien! Fl-ibliet, f'irħula, fi djar ma' ħlejjaq bħalek, u waħdi fuq għoljiet fejn ma hemmx ħajja; kont ħdejn għadajjar ta' ilma qiegħed, mejjet; u kont ħdejn baħar jibla' l-art li jbażża'... U ġrejt eħfef mill-ħsieb minn tarf għall-ieħor b'nies ta' kull ġens ma' dwari li sa ftit qabel ma setgħux jiftehmu, iżda, kif saru bħali, bla ma jitkellmu, saru ħaġa waħda, iħobbu lil xulxin b'imħabba mqaddsa...

SMITH : U minn fejn kont ma ġibtli xejn b'tifkira?

HUWA : Iva, Marija... fejn waqajt għal mejjet ftit wara li tlaqt lilek, nibet dan il-peprin imsoqqi b'demmi... (*joħroġ minn ħobbu qabda peprin u, bla ma jagħtih lil ħadd minnhom, joffrihulhom b'idejh it-tnejn*) Hudu sabiex tiftakar dejjem fija u f'dawk li bħali ħallew warajhom omm, jew tifla, jew għarusa u marru biex jiġġieldu għall-ħaqq u s-sewwa! (*It-tliet nisa jieħdu minn idejh il-peprin u jressquh ma' fommhom sabiex ibusuh*). Għall-ħaqq!... Għas-sewwa!... U x'taf innies tad-dinja fuq il-ħaqq? X'taf fuq is-sewwa? Ma tafx ħlief biss il-kelma li ddawwar kif trid u jaqbel lilha. Il-ħaqq? Is-sewwa? M'humiex ta' din id-dinja żgħira u msejkna! Iżda ta' Dak!... (*jurihom il-Kruċifiss*) Ta' Dak li Fih innifsu Hu l-istess ħaqq u s-sewwa! (*lit-tliet nisa u lil ebda waħda minnhom*) Marija, mur għarkobbtejk quddiemu. Itlob għalija u għal kull min hu bħali... (*in-nisa jobdu minnu*) Hemm bosta li jeħtieġu l-ħniena Tiegħu u t-talb ta' min jixtieq jarahom fil-paċi! Itolbu... Itolbu... (*u jibqa' jgħid il-kelma* Itolbu *ma' kull pass li jagħti lura sa ma jasal bejn il-purtieri u jisparixxi*).

IT-TLIET NISA : (*B'leħen li ma jiftihemx ikunu qegħdin mitfugħa quddiem il-Kruċifiss għar-rkobbtejhom igħidu l-*Missierna li Inti, *ecc.*).

(*Wara ftit sekondi* S I P A R J U *malajr*)